MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 63/2007

**Malta com plc (C 22334)**

**Vs**

**Simon Muscat (ID 408168 M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta` Jannar, 2007, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur, is-somma ta’ mija u disgha liri, tmienja u ghoxrin centezmu (Lm109.28), rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma` servizz tat-telephone bin-numru 21420282 gia` 437301 skond ma` kif jirrizulta minn dokumenti annessi u mmarkati Dok. A u B.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data tal-avviz kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-attur ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikat legalment, il-konvenut naqas li jressaq risposta formali biex jikkontesta t-talba attrici u kif ukoll ma deherx la fis-seduta tat-28 ta` Settembru, 2007, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta` llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti ezebiti.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta` l-Att V ta` l-1995, it-Tribunal jilqa` t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici, s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` mija u disgha liri, tmienja u ghoxrin centezmu (Lm109.28), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------